



European Monitoring Centre
for Drugs and Drug Addiction

GWIDA TAL-ECDC U TAL-EMCDDA

Il-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li jittieħed fost persuni li jinjettaw id-droga

Sommarju

Minn meta tfaċċat l-epidemija tal-HIV fost persuni li jinjettaw id-droga f'nofs it-tmeninijiet, bosta pajjiżi Ewropej kisbu progress sostanzjali fl-implimentazzjoni ta' miżuri bbażati fuq l-evidenza għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li jittieħed fost persuni li jinjettaw id-droga. Fid-disgħinijiet, il-pajjiżi tal-UE bdew jiżviluppaw politiki komuni ta' prevenzjoni kemm fl-oqsma tal-HIV/AIDS u d-droga u tal-vizzju tad-droga. Matul l-aħħar żewġ deċennji, interventi ta' prevenzjoni u ta' kura ġew estiżi u mwessgħin. Skont rapporti għas-sena 2009, aktar minn nofs il-popolazzjoni stmata ta' utenti problematiċi tal-opjojdi rċewew kura ta' sostituzzjoni, u bosta pajjiżi stabbilixxew programmi dwar il-labar u s-siringi b'firxa li dejjem qiegħda tikber. Dejta minn pajjiżi b'sistemi ta' sorveljanza stabbiliti sew tissuġġerixxi li matul l-aħħar għaxar snin l-għadd ta' infezzjonijiet ġodda tal-HIV fost persuni li jinjettaw id-droga naqas b'mod konsiderevoli f'ħafna, imma mhux fil-pajjiżi kollha tal-UE.

Fil-vidinat Ewropej, l-użu tad-droga b'injezzjoni jibqa' fattur ewlieni ta' vulnerabilità għat-teħid ta' mard li jinxtered permezz tad-demem u ta' mard ieħor li jittieħed, inkluż l-HIV, l-epatite B u Ċ, it-tuberkulożi, infezzjonijiet batteriċi tal-ġilda u tat-tessut artab, u ta' infezzjonijiet sistemiċi. Stimi tal-għadd ta' persuni li jinjettaw id-droga jissuġġerixxu li popolazzjonijiet sinifikanti qegħdin f'riskju għal dawn l-infezzjonijiet fil-pajjiżi Ewropej kollha. Jekk ma jiġux indirizzati, dawn l-infezzjonijiet jirriżultaw f'piż kbir fuq is-sistemi tas-saħħa Ewropej, tbatija individwali sinifikanti, kif ukoll spejjeż għoljin ta' kura.

Intwera li approċċ pragmatiku ta' prevenzjoni lejn is-saħħa pubblika jista' jkollu effett qawwi fuq it-tnaqqis tal-firxa ta' infezzjonijiet li jinxterdu permezz tad-demem u ta' infezzjonijiet oħra fost persuni li jinjettaw id-droga. Il-prevenzjoni hija possibbli u effettiva, jekk tiġi implimentata kif suppost.

Seba' interventi ewlenin rakkomandati

Din il-gwida konġunta bbażata fuq l-evidenza mill-ECDC u mill-EMCDDA tidentifika prattika tajba għall-prevenzjoni u għall-kontroll ta' mard li jittieħed fost persuni li jinjettaw id-droga.

Abbażi tal-aktar evidenza robusta disponibbli, opinjoni esperta, u l-aqwa prattika fl-UE/ŻEE, għandhom jiġu applikati l-komponenti tal-interventi ewlenin li ġejjin u, jekk possibbli, jiġu kkombinati biex jintlaħaq l-effett massimu ta' prevenzjoni:

Komponenti ta' interventi ewlenin

Tagħmir tal-injezzjonijiet: Forniment ta', u aċċess legali għal, tagħmir nadif għall-injezzjoni tad-droga, inkluż provvista suffiċjenti ta' labar sterili u ta' siringi mingħajr ħlas, bħala parti mill-approċċ ikkombinat ta' multikomponenti, implimentat permezz ta' programmi ta' tnaqqis tal-ħsara, servizzi li joffru pariri u ta' programmi ta' kura.

Tilqim: Tilqima tal-Epatite A u B, tat-tetnu, tal-influenza, u, b'mod partikulari għal individwi pożittivi għall-HIV, it-tilqima pnevmokokkali.

Kura għad-dipendenza mid-droga: Kura ta' sostituzzjoni tal-opjojdi u forom effettivi oħra ta' kura għad-dipendenza mid-droga.

Itestjar: Itestjar volontarju u kunfidenzjali b'kunsens infurmat għall-HIV, I-HCV (HBV għal persuni li ma jkunux irċevew tilqima) u għal infezzjonijiet oħra inkluż it-TB għandu jiġi offrut bħala rutina u jiġi marbut ma' riferimenti għal kura.

Kura ta' mard infettuż: Kura antivirali bbażata fuq indikazzjonijiet kliniċi għal dawk infettati bl-HIV, HBV jew bl-HCV. Kura kontra t-tuberkulożi għal każijiet attivi ta' TB. Terapija profilattika għat-TB għandha tiġi kkunsidrata għal każijiet latenti ta' TB. Kura għal mard infettuż ieħor għandha tingħata skont kif klinikament indikat.

Promozzjoni tas-saħħa: Promozzjoni tas-saħħa ffukata fuq imġieba aktar sigura ta' injettar; is-saħħa sesswali, inkluż l-użu tal-kondoms; u I-prevenzjoni tal-mard, I-itestjar u I-kura.

Somministrazzjoni mmirata ta' servizzi: Is-servizzi għandhom jiġu kkombinati u organizzati u somministrati skont il-ħtiġijiet tal-utent u skont kundizzjonijiet lokali; dan jinkludi l-provvista ta' servizzi permezz ta' sensibillizzazzjoni fil-komunità u ta' siti fissi li joffru kura mid-droga, tnaqqis tal-ħsara, servizzi li joffru pariri u ittestjar, u riferimenti għal servizzi tas-saħħa primarja ġenerali u servizzi mediċi speċjalizzati.

II-kisba ta' sinerġija: il-kombinazzjoni ta' interventi ewlenin

Studji riċenti u esperjenza minn programmi ta' suċċess ta' prevenzjoni jiddokumentaw il-valur miżjud li tiġi offruta firxa ta' miżuri effettivi ta' intervent fl-istess postijiet, u li tiġi pprovduta kombinazzjoni ta' interventi skont il-ħtiġijiet tal-klijenti, biex jintlaħaq l-effett massimu fil-prevenzjoni ta' infezzjonijiet.

Udjenza fil-mira

Din il-gwida għandha l-għan li tappoġġa lil dawk li jfasslu l-politika fl-Ewropa sabiex jippjanaw reazzjonijiet tas-saħħa pubblika li huma adegwati, ibbażati fuq l-evidenza, pragmatiċi, u razzjonalment iddisinjati għall-prevenzjoni u I-kontroll ta' infezzjonijiet fost persuni li jinjettaw id-droga. Hija mmirata lejn dawk li jippjanaw programmi tas-saħħa pubblika u lejn dawk li jieħdu deċiżjonijiet li jaħdmu fil-qasam ta' mard li jittieħed, is-saħħa pubblika ġenerali, id-dipendenza u I-kura tas-saħħa mentali, is-servizzi soċjali, u I-kontroll tad-droga fuq livelli nazzjonali u reġjonali.

Il-gwida hija koerenti ma' u tappoġġa politiki eżistenti madwar l-UE kollha fil-qasam tal-kontroll tad-droga u ta' mard li jittieħed u għandha l-għan li tagħti ħarsa ġenerali komprensiva tal-aqwa għarfien attwali fil-qasam, tespandi fuq ħidma preċedenti biex tinkludi kombinazzjonijiet ta' interventi ewlenin. Hija bbażata wkoll fuq pedament ta' valuri ewlenin li ġejjin minn prinċipji tas-saħħa pubblika u tad-drittijiet tal-bniedem, li għandhom jiggwidaw il-prevenzjoni u I-forniment tas-servizz.

Gwida tas-saħħa pubblika bbażata fuq l-evidenza

Ir-riżultati tar-riċerka rilevanti għall-gwida ġew riveduti u evalwati permezz tal-użu ta' prinċipji tal-mediċina bbażati fuq l-evidenza addattati fil-kuntest tal-qafas tas-saħħa pubblika. Biex tiġi prodotta din il-gwida, evidenza xjentifika ta' livell għoli ġiet riveduta b'mod komprensiv, u r-riżultati ġew kombinati ma' għarfien espert u ma' pariri dwar il-benefiċċji u l-ħsara. L-aqwa prattiki flimkien mal-preferenzi tal-utenti kkontribwew għall-iżvilupp tal-interventi ewlenin issuġġeriti f'dan id-dokument.

Koordinazzjoni nazzjonali

Prerekwiżiti għat-twassil effettiv tal-interventi ewlenin huma l-kooperazzjoni nazzjonali u lokali, u l-koordinazzjoni bejn is-setturi. Il-bini ta' kunsens nazzjonali u objettivi rispettati b'mod reċiproku huma essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-interventi. L-oġġettivi għandhom jiġu miftiehma mill-atturi fis-setturi kollha, b'mod partikulari dawk li jaħdmu ma' persuni li jinjettaw id-droga.

Miżuri mfassla għas-sitwazzjoni nazzjonali

Sabiex jiġi żgurat li l-interventi jaqdu bl-aħjar mod lill-popolazzjoni ta' persuni li jinjettaw id-droga, kif ukoll jipprevjenu u jikkontrollaw il-mard li jittieħed, għandu jkun hemm sorveljanza biżżejjed tal-użu problematiku tad-droga u ta' infezzjonijiet fuq livelli nazzjonali u subnazzjonali. Il-miżuri għandhom jiġu immonitorjati kontinwament u evalwati f'termini ta' rispons, impatt, rilevanza u skala ta' kopertura. Investiment f'sistemi adegwati ta' sorveljanza kemm tal-użu tad-droga u ta' mard li jittieħed huwa neċessarju u kost-effettiv.

L-evidenza tissuġġerixxi li livelli ogħla ta' kopertura ta' programmi dwar il-labar u s-siringi u l-kura ta' sostituzzjoni tal-opjojdi għal kull persuna li tinjetta d-droga huma aktar effettivi minn livelli aktar baxxi ta' kopertura. L-għan għandu jkun li jiġi żgurat li s-servizzi offruti jissodisfaw il-ħtiġijiet u d-domanda lokali. Domanda mhux sodisfatta għal servizzi ta' skambju ta' labar u ta' siringi jew ħinijiet ta' stennija għal kura mid-droga jindikaw ineffiċjenza fil-prevenzjoni